# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 9 ta' Jannar 2020**

**Kawza Numru: 7**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 1079/2018 JVC**

**Chidi Joseph Achokwu fil-kwalita' tieghu ta' mandatarju generali ta' l-assenti minn dawn il-Gzejjer Peter Emeka Okagbue permezz ta' Prokura Generali hawn annessa bhala Dok. 'A2'**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Guramentat fejn ir-rikorrent Chidi Joseph Achokwu noe kkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

**'Dikjarazzjoni tal-Fatti:**

1. Illi jiena gejt mahtur minn Peter Emeka Okagbue, l-attur f'din il-kawza, bhala mandatarju generali tieghu biex f'ismu u fl-interess tieghu nkun nista' nipprezenta r-rikors odjern ghall-korrezzjoni mehtiega u opportuna fic-certifikat taz-zwieg tieghu li fih zball u dan peress li hu jghix barra minn Malta u precizament fl-Isvezja;

2. Illi Peter Emeka Okagbue kien izzewweg lill Chiara Siracusa permezz ta' zwieg civili fis-16 ta' Settembru 2008 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1473/2008 hawn anness bhala Dok. 'B'.;

3. Illi fic-certifikat taz-zwieg Dok. 'B' jezisti zball fis-sens illi d-data tat-twelid ta' Peter Emeka Okagbue, u dan precizament fil-parti tac-certifikat li taghti "Taghrif Dwar ir-Ragel Mizzewweg", giet erroneoment indikata bhala, "Wed. 15 March 1978", mentri din id-data kellha tigi indikata bhala, "Sun. 15 March 1970" u dan kif jirrizulta mid-dokument intitolat, "Statutory Declaration of Age" mahrug mill-High Court of Anambra State of Nigeria, hawn anness bhala Dok. 'C', mid-dokument mahrug minn National Population Commission – Anambra State (Repubblika Federali tan-Nigerja) hawn anness bhala Dok. 'D', minn kopja awtentikata tal-pagna bid- dettalji ta' Peter Emeka Okagbue fil-passaport tieghu mahrug mir-Repubblika Federali tan-Nigerja hawn annessa bhala Dok. 'A5', u kif ukoll mill-affidavit ta' Peter Emeka Okagbue hawn anness bhala Dok. 'A1'.

**Raguni tat-Talbiet**

1. Illi Peter Emeka Okagbue irid li d-data tat-twelid tieghu fic-certifikat taz-zwieg tieghu Dok. 'A' tigi korretta sabiex id-data tat-twelid tieghu f'dan ic-certifikat tkun tirrispekkja l-verita' dwaru;

2. Illi Peter Emeka Okagbue diga pprova jikkoregi dan l-izball permezz ta' rikors fil-Qorti tar-Revizjoni tal-Atti Nutarili izda dik il-Qorti, li ghandha gurisdizzjoni biex setghet taghmel dan, fuq oggezzjoni tal-intimat f'dan ir-rikors, iddecidiet li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' dak r-rikors ghar-ragunijiet imsemmija f'dak id-Digriet izda salv kull dritt ta' azzjoni quddiem il-Qorti kompetenti, u dan kif jirrizulta minn kopja legali tal-istess Digriet hawn annessa bhala Dok. 'E';

3. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza biex din il-Qorti tkun tista' tordna l-korrezzjoni mehtiega w opportuna fic-certifikat taz-zwieg Dok. 'B' u biex l-intimat jigi ordnat jaghmel il-korrezzjoni mehtiega w opportuna fic-certifikat taz-zwieg Dok.B.

**Talbiet**

Jghid ghalhekk l-intimat ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjara li fic-certifikat taz-zwieg ta' Peter Emeka Okagbue u Chiara Siracusa, liema zwieg gie ccelebrat fis-16 ta' Settembru 2008, u liema certifikat igib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1473/2008 (Dok. B), hemm zball fis-sens illi fil-parti tac-certifikat li "Taghti Taghrif Dwar ir-Ragel", id-data tat-twelid hemmhekk indikata bhala, "Wed. 15 March 1978" ghandha tigi mhassra u ghandha tigi sostitwita bid-data, "Sun. 15 March 1970"; u

2. Tordna sussegwentement lill intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega u opportuni fic-certifikat taz-zwieg li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1743/2008 *[recte: 1473/2008]* (Dok.B) biex dawn ikunu jirriflettu dak deciz taht l-ewwel talba.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra l-intimat li jibqa' minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-Risposta Guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku kif isegwi:

1. Illi preliminarjament l-esponent jeccepixxi illi l-attur ma ddikjarax abbazi ta' liema artikolu huwa qed isejjes l-azzjoni odjerna. Ghaldaqstant, dan ghandu jsir u l-esponent bil-permess gentili ta' din l-Onorabbli Qorti jirriserva d-dritt tieghu li jissolleva eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;

2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u fil-mertu, l-esponent jirrileva li l-attur izzewweg lil Chiara Siracusa hawn Malta nhar is-16 ta' Settembru 2008 u ghaldaqstant gie rregistrat l-Att taz-Zwieg bin-numru 1722 tas-sena 2008;

3. Illi ghat-tnidijiet taz-zwieg, l-attur iddikjara u kkonferma li d-data tat-twelid tieghu hija il-15 ta' Marzu 1978. Sabiex jikkorrabora dan, l-attur forna ukoll lil esponent bid-dokumenti mahruga mill-Awtoritajiet Nigerjani u zewg affidavits rilaxxjati minn omm l-attur, hawn annessi u mmarkati 'Dok. DRP 1', 'Dok. DRP 2', 'Dok. DRP 3' u 'Dok. DRP 4'. Stante tali informazzjoni, id-Direttur konvenut meta gie sabiex jirregistra z-zwieg tal-attur, huwa inserixxa fl-Att imsemmi l-informazzjoni kif mghoddija lilu mill-attur stess;

4. Illi f'dan l-istadju, l-attur qieghed jesebixxi dokumenti ohra li juru li d-data tat-twelid tieghu hija l-15 ta' Marzu 1970, kif ukoll kopja ta' passaport Nigerjan li gie mahrug mill-Awtoritajiet kompetenti nhar il-20 ta' April 2016 u huwa validu sa nhar id-19 ta' April 2021;

5. Illi fl-umli fehma tal-esponent it-talbiet kif dedotti ma jimmeritawx li jigu milqugha minn din l-Onorabbli Qorti;

6. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat illi fil-verbal datat 12 ta' Novembru 2019 fejn ir-rikors gie differit ghal-lum ghad-decizjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti.

**Ikkunsidrat:**

Rat illi l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat giet sorvolata billi permezz ta' nota fl-atti a fol. 42 tal-process gie dikjarat illi l-kawza qed issir a bazi tal-artikolu 253 et. seq tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi saret id-debita pubblikazzjoni skont il-ligi.

Rat id-dokumentazzjoni kollha fl-atti partikolarment l-affidavit ta' Peter Emeke Okabue datat 23 ta' Awissu, 2018 (fol. 5) fejn huwa jiddikjara li d-data tat-twelid tieghu hija dik tal-15 ta' Marzu, 1970 kif ukoll l-affidavit aktar dettaljat tieghu a fol. 37 tal-process fejn jispjega r-raguni ghall-izball fid-data tat-twelid tieghu, liema zball ma jirrizultax li huwa mputabbli lilu izda minhabba s-sistema laxka tar-registrar tat-twelid tat-trabi gewwa n-Nigerja. Ghalkemm fl-atti jirrizultaw dikjarazzjonijiet konfliggenti tal-omm dwar id-data tat-twelid tar-rikorrent, indubbjament mill-passaport validu tieghu kopja tieghu esebita a fol. 10 tal-process jirrizulta li

fl-istat tan-Nigeria huwa ufficjalment accettat illi d-data tat-twelid tar-rikorrenti hija dik tal-15 ta' Marzu, 1970.

Illi in vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti l-Qorti tqis li t-talba tar-rikorrent sabiex id-data tat-twelid tieghu tigi korretta fic-certifikat taz-zwieg hija wahda gusta u timmerita li tigi akkolta. Stante izda li l-izball ma hu imputabbli bl-ebda mod lid-Direttur intimat l-ispejjez tal-proceduri ghandhom jigu sopportati mir-rikorrenti.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi filwaqt li tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat bhala sorvolata tghaddi sabiex tichad il-bqija tal-eccezzjonijet u tilqa' t-talbiet attrici kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara li fic-certifikat taz-zwieg ta' Peter Emeka Okagbue u Chiara Siracusa, liema zwieg gie ccelebrat fis-16 ta' Settembru 2008, u liema certifikat igib in-numru progressiv ta' iskrizzjoni 1473/2008 (Dok. B), hemm zball fis-sens illi fil-parti tac-certifikat li "Taghti Taghrif Dwar ir-Ragel", id-data tat-twelid hemmhekk indikata bhala, "Wed. 15 March 1978" ghandha tigi mhassra u ghandha tigi sostitwita bid-data, "Sun. 15 March 1970";

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna lill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega u opportuni fic-certifikat taz-zwieg li jgib in-numru ta' registrazzjoni 1473/2008 (Dok.B) biex dan ikun jirrifletti dak deciz taht l-ewwel talba.

Bl-ispejjez kollha tal-kawza kontra r-rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**9 ta' Jannar 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**9 ta' Jannar 2020**